# L-oriġini u l-iżvilupp tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat ta' Malta

*Ikompli mal-ħarġa tal-2015*

Joseph Sultana

**Il-Patrijiet Franġiskani Osservanti (Minuri)**

Ġrajja oħra wisq importanti fi żmien l-Aragoniżi, kien id-dħul f'Malta tal-ordnijiet mendikanti f'Malta. Din il-kelma mendikanti ġejja mil-Latin *"mendicare"* jittalbu għall-għajxien tagħhom u jħaddnu tliet voti, jiġifieri l-ideali monastiċi tal-faqar, ubbidjenza u tal-kastità.

Kien fl-1364 li l-ordni monastiku tal-Benedittini wirtu xi propjetà f'Malta biex jiftħu monasteru, iżda bl-iskuża li f'Malta kien post perikoluż minħabba s-sibien dawn baqgħu ma ġewx hawn.

Jidher li l-ewwel ordni mendikanti li kellu kuntatt konkret ma' Malta kienu l-Agostinjani fl-1370. Fis-sena 1413 l-Agostinjani kellhom kunvent ir-Rabat ftit 'l barra mill-bieb tal-Imdina u fetħu ieħor fl-1450 fir-Rabat Għawdex maġenb iċ-ċimiterju tal-Matriċi.

It-tieni ordni mendikanti f'Malta kienu l-Franġiskani, *l-Ordo Fratrum Minorum.* Kienet komunità ta' Terzjari Regolari Franġiskani, tat-*Tertius Ordo Regolaris Francisci* li fit-tieni nofs tas-seklu erbatax fetħet l-ewwel kunvent Franġiskan Malta, billi kienu marbuta mal-*Ospedale San Francesco,* kellhom l-ewwel Sptar San Franġisk fir-Rabat tal-Imdina, fejn fis-sena 1467 beda jissejjaħ Santu Spirtu. Dan l-isptar huwa ddokumentat għall-ewwel darba f'dokument tal-4 ta' Diċembru, 1372. Ġara li l-komunità tat-Terzjari Regolari f'Malta ġie fit-tmiem tiegħu bl-aħħar patri kien Fr Guliermu Baldiri, li miet fl-1488. Għalhekk intbagħtu f'Malta żewġ membri tal-fergħa tal-Konventwali. Sadantant membru tal-fergħa Osservanti, Fr Mattew de Episcopo, kien ġewwa Għawdex jibni kunvent Franġiskan li kien iddedikat lil Santa Marija ta' Ġesù. Iżda ġara li dan Fr Mattew de Episcopo minn Franġiskan Osservant qaleb għal Franġiskan Konventwal, u għalhekk dawn iż-żewġ Kunventi spiċċaw tal-Konventwali.

Sadanittant, il-prokuraturi tal-wirt imħolli minn Ġakbu Ħakim fl-1492 bdew il-proċeduri biex jinbena u jinfetaħ kunvent tal-Osservanti f'Malta. Dan Ġakbu Ħakim kellu ħuh patri Franġiskan Osservant Fr Marjanu ġewwa Messina. Ġakbu Ħakim laħaq miet, iżda bis-saħħa tal-Isqof Giacomo Vualguarnera għadda biċċa art fir-Rabat tal-Imdina maġenb il-knisja ta' Santa Margerita li kienet tintuża bħala sede tal-Fratellanza ta' San Ġużepp u x-xogħol seta' jinbeda. Għalhekk qrib is-sena 1500 l-Osservanti kellhom l-ewwel kunvent fir-Rabat tal-Imdina. Il-patrijiet Karmelitani fetħu l-ewwel kunvent f'Malta lejn is-sena 1441 fejn kienu jissejħu *Fratrum Beatae Mariae Verginis de Monte Carmelo.* Kienet Donna Margerita d'Alagona li fit-testment tal-5 ta' Ġunju 1418 ħalliet il-kappella tal-Lunzjata tax-Xagħra ta' San Anard u l-għelieqi ta' madwar biex jinbena l-kunvent barra r-Rabat tal-Imdina. Il-patrijiet Dumnikani fetħu l-ewwel kunvent f'Malta



*Il-faċċata tal-knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat*

lejn is-sena 1450. Kienu jissejjħu *Fratrum Praedicatorum*. Għall-ewwel marru jgħammru maġenb il-kappella ta' Sidtna Marija tal-Għar fir-Rabat tal-Imdina u ma damux ma bnew l-ewwel kunvent tagħhom fl-1452.[81]

Il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu) tar-Rabat jamministrawha l-patrijiet Franġiskani Minuri li f'dawk iż-żminijiet tat-twaqqif tal-Knisja u l-Kunvent kienu jissejħu Osservanti jew zokkolanti, għaliex kienu jilbsu l-qorq. Dan seta' jiġri biss mill-benefattur Ġakbu jew Giacomo Ħakim imlaqqam "Malfi" li kif rajna aktar qabel ħalla ġidu lil dan il-kunvent u l-knisja. Il-Ġurati tal-Imdina tefgħu għajnejhom fuq biċċa art fiċ-Ċimiterju (jew qrib) ta' San Pawl barra s-swar tar-Rabat tal-Imdina qrib il-knisja ta' Santa Margerita, fejn issa dan Giacomo Ħakim kien ilu ftit li miet.



Il-Madonna bil-Bambin u l-pedistall kif kienu daqs mitt sena ilu

Min kien dan Giacomo Ħakim? Minn dokumenti u manuskritti dejjem imniżżel *Magister Honorabilis* titli li kienu jingħataw lil nies ta' qagħda soċjali għolja. Twieled l-Imdina fl-1455 u miet fl-1493, jidher li kien negozjant tal-qamħ, barra li kellu Brigantin tiegħu, kellu ħafna djar u artijiet. Kien ġurat fl-Università tal-Imdina fejn fl-1464 inħatar *Judix curie civilis* fejn kien membru prominenti fil-kunsill u prokuratur fl-isptar Santu Spirtu. Kien responsabbli mit-tiswijiet tas-swar tal-Imdina u fl-1478 ġie maħtur Ħakem ta' Malta. Dan kien il-benefattur kbir tal-patrijiet Franġiskani Osservanti li ħallihom werrieta universali ta' ġidu.[82]

Minn din il-knisja, li kienet toħroġ l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta, għall-bidu l-istil tal-bini tagħha u l-kunvent kienu tal-istess arkitettura, imma wara t-terremot tal-1693 il-knisja kellha tinħatt u tinbena mill-ġdid, fejn il-kolonni medjevali kellhom jiġu rinfurzati f'pilastri massivi biex jifilħu l-arkati u



Maria Addolorata ta' Antonio de Saliba 1517



Madonna bl-Anġli fuq it-Tron Antonio de Saliba 1517

saqaf tond. L-arkitett ta' dan ix-xogħol sar minn Filippo Sciberras. Fil-faqar li dawn l-ewwel patrijiet għexu f'dan il-kunvent ippermetta li l-arkitettura stil gotiku tipiku ta' Rodi ġie salvat minn kull forma ta' xi tibdil li seta' sar mal-medda taż-żminijiet. Għalhekk għadha tidher l-arkitettura oriġinali tal-kjostru li l-benefattur, l-ewwel Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann ġewwa Malta Fr Philippe Villiers de l'Isle *Adam* bena minn flusu f'dan il-kunvent. Din it-tip ta' arkitettura, il-Gran Mastru użaha meta kabbar il-knisja ta' Sant'Anna fil-forti Sant'Anġlu. Dan il-Gran Mastru Fr Philippe de l'Isle Adam miet f'dan il-kunvent fejn l-intestin tiegħu tqiegħdu fil-knisja b'lapida b'kitba fuqha ta' Johannes Quintinus u qalbu ntbagħtet Pariġi fejn tqiegħdet fil-knisja tal-Ordni *Saint-Marie di Temple*. Il-ġisem tiegħu ġie midfun fil-kappella ta' Sant'Anna fil-Kastell ta' Sant'Anġlu u wara ittieħed fil-kripta tal-Konkatidral ta' San Ġwann.[83]

Jidher li din il-knisja u l-patrijiet Franġiskani Osservanti kienu jgawdu ċerta importanza għax f'din il-knisja nsibu lapida oħra tal-Gran Mastru Claude de la Sengle (1553-1557), fejn hemm midfuna l-intestini tiegħu u qalbu midfuna wara lapida fil-knisja tal-Annunzjata tal-Karmelitani barra s-swar tal-Imdina. Lapida oħra hija ta' ħu l-Gran Mastru Aloph de Wignacourt, Fr Joachim.[84]

Bħalma għamilt meta semmejt is-santwarju ta' San Ġużepp, ser nagħti ftit dettalji fuq l-aħjar biċċiet tal-Arti Sagra li jinsabu f'din il-knisja u l-kunvent.

Fil-bidu tal-bini ta' din il-knisja l-patrijiet kienu diġà qegħdin jaħsbu għal żewġ opri kbar tal-arti. Fit-23 ta' Frar 1504 il-patrijiet Maltin daħlu fi ftehim ma' *Antonello il Gagini mazonus messinensis* biex jagħmlilhom statwa tal-irħam tal-Madonna bil-bambin u bil-pidestall magħha. F'dan il-pedistall insibu bassoriliev li juri lil San Franġisk fl-għoti tal-pjagi u lil San Pawl bħala l-patrun ta' Malta fuq wara hemm skolpit l-isem l-iskultur.

Din saret fil-bottega ta' Antonello Gaġini (1478-1536) minn Palermo. Gaġini kien diġà skolpa għadd ġmielu ta' statwi tal-Madonna għal ħafna knejjes Franġiskani fi Sqallija. Ma' din l-istatwa kapulavur ta' Gaġini li ġiet tiswa 25 oncia, skolpa ukoll fonti tal-ilma mbierek u statwa oħra ta' Santa Maria Madalena li hi attribwita ukoll għall-bottega tiegħu.[85] Skont l-istoriku Mons Vincent Borg din kienet l-ewwel statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Malta.[86] Jingħad li fl-Assedju tal-1551 meta Sinam Pascà ħabat għal Malta, u wara għal Għawdex fejn għamel ħerba sħiħa, il-patrijiet tant beżgħu għal din l-istatwa li niżżluha fil-bir tal-kunvent.[87]

Kemm il-pedestall tal-Madonna u l-fonti llum qegħdin ikkonservati fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti fejn kienu ġew mogħtijin "on loan" mill-Gwardjan P. Cherubino Azzopardi lill-Mużew tal-Arti nhar is-17 ta' Ottubru 1911.

Mill-1990 saru ħafna petizzjonijiet u tentattivi biex jingħataw lura u l-pedestall jitqiegħed f'postu taħt l-istatwa, iżda l-awtorità ċivili baqgħet b'widnejha torox għal dawn it-talbiet. Hija ferm ħasra li din l-istatwa kapulavur tal-Gaġini fiha xi ħaġa artistika nieqsa u mhux kompluta, minħabba forsi ta' imħuħ stinati. Għall-kritiċi tal-Arti ma jagħmilx sens li dawn iż-żewġ opri medjevali jinsabu mifrudin minn xulxin. Forsi jagħmel aktar sens li din l-istatwa tkun kompluta kif wettaqha l-iskultur għal ġid tal-arti sagra u għal dawk li jħobbu jammiraw l-arti f'pajjiżna.

Opra oħra artistika kbira qabel il-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann kien il-polittiku mpitter minn Antonello de Saliba magħruf ukoll bħala De Messina fl-1517, li minnu b'xorti tajba fadal biss il-biċtejn maġġuri. Wieħed minnhom hemm il-Madonna bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha bilqiegħda fuq it-tron imdawra bl-anġli u l-ieħor ix-xbieha tal-Verġni Marija bi Kristu mejjet fi ħdanha li hi meqjusa bħala l-ewwel pittura li tirrappreżenta Marija Addolorata bid-data ddokumentata f'pajjiżna. Maria Addolorata ta' Antonio de Saliba 1517 Madonna bl-Anġli fuq it-Tron Antonio de Saliba 1517

Dan diġà jurina fejn kienet iffokata l-aktar il-pastorali sa mill-miġja tal-patrijiet Franġiskani Osservanti. Dnub li m'għandniex dokumenti li juruna x'kienu l-funzjonijiet f'dan iż-żmien bikri. B'xorti tajba għandna deskrizzjoni tajba ta' kif kien dan il-polittiku ta' Antonello de Saliba fl-*Archivio Storico di Propoganda Fide*.

"*L-opra artistika hija meqjusa bħala waħda mill-aktar antika, stil Gotiku maqsuma fi tliet partijiet: fl-ewwel parti, dik ta' fuq turi fin-nofs l-inżul tal-Ġisem mejjet tal-Mulej Ġesù mis-salib fi ħdan tal-Verġni Marija mnikkta, fuq in-naħa tal-lemin turi lil San Pawl u warajh lil Sant Antnin, fuq in-naħa tax-xellug turi lil Missierna San Franġisk u warajh l-Isqof San Ludovik. Fin-nofs tat-tieni parti turi l-wisq Imqaddsa Marija Verġni bilqiegħda fuq tron, flimkien mal-Iben Divin tagħha, għarkupptejh fuq il-lemin hemm anġlu jqim il-Persuni Mqaddsa, fuq il-lemin hemm tal-Imqaddsa Omm Alla naraw il-Qaddisin Verġni Agata u Katerina, u fuq ix-xellug Luċia u Barbara, fit-tielet taqsima nsibu l-parti l-aktar inferjuri ta' kważi driegħ ogħli, li fiha jidher il-Feddej Divin li qiegħed fin-nofs, u fuq ix-xellug id-dixxipli, kull waħda minn dawn il-figuri tinsab imnaqqxa fuq bażi ta' rħam u mżejjen bid-deheb. L-opra ġiet magħmula f'Messina fis-sena 1517.*[88]"

Fuq dan il-polittiku li llum minfloku hemm il-



Il-Missier Etern bi Kristu fi ħdanu ta' Fra Antoine Favray

kwadru titulari li juri ż-żjara tal-Madonna lil Santa Elizabetta li hu xogħol tal-pittur Malti Ġiuseppe Hyzler, insibu pittura opra kbira ta' Fra Antoine Favray, Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann, il-Missier Etern bi Kristu fi ħdanu, li rregalah lill-patrijiet nhar it-2 ta' Lulju 1759.[89] Fuq l-artal tal-kor magħmul minn irħam abjad li Il-Missier Etern bi Kristu fi ħdanu ta' Fra Antoine Favray sar fl-1853 insibu pittura ċkejkna tal-*Ecce Homo* mpittra fuq ir-ram, li qabel kienet fuq l-altar ta' San Pietru t'Alcantara, attribwita lil Francesco Mazzola. Studjużi tal-arti ma jaqblux bejniethom ta' min hija verament din l-opra, jissemma ukoll xogħol tal-Parmeggianino.



Minjatura tal-Ecce Homo mpittra fuq ir-ram attribwita lil Francesco Mazzola. Qabel ġiet restawrata

Din kienet inxtrat minn P. Costantino Vella fl-1740 u qamet 50 skud.[90]

Biex inkomplu mas-suġġett tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fuq il-lemin tal-kappella ta' San Gejtanu hemm niċċa bi statwa ta' Ġesù Nazzarenu maħduma fil-kartapesta, xogħol Carlo Darmanin li saret fl-1901 bit-tħabrik ta' P. Raffaele Mallia u P. Giuseppe Mangion. Din l-istatwa kellha devozzjoni kbira minn nies tal-inħawi tal-knisja, Fr Bennardin Sant O.F.M irrakkontali storja ħelwa fuq din l-istatwa meta li ddeċidew li jindurawha u tiġi sgraffita, P. Philipe Degovanni kien wissiehom li jekk jiġi indurat dan in-Nazzarenu jista' jitlef mid-devozzjoni tiegħu, u hekk ġara għax wara li ġie indurat għal xi raġuni n-nies ma bagħqatx tirrikorri lejh bħal qabel, naqsu x-xemgħat u anke l-flus.



Ġesù Nazzarenu xogħol Carlo Darmanin

Meta l-patrijiet Franġiskani Osservanti stabilixxew ruħhom fir-Rabat tal-Imdina lejn l-aħħar tas-seklu ħmistax, il-mara tal-kaptan tal-Virga Matteo Ferriolo waqqfet kappella fl-istess knisja ddedikata lill-kurċifiss.[91] F'din il-kappella jinsab kurċifiss sabiħ li jiddomina l-perspettiva tal-kappella, għadna ma nafux min għamlu kif lanqas ma nafu l-artist li għamel iż-żewġ kwadri tal-Qaddisin Kożma u Damjan li qegħdin fuq il-ġnub tal-kurċifiss. Taħt dan il-Kurċifiss insibu kwadru tad-Duluri xogħol in-Nazzaren, Giuseppe Hyzler li sar fl-1821 bit-tħabrik ta' P. Francesco Antonio Żarb.[92] Kif aċċennajna aktar qabel l-ewwel




*Il-kappella tal-Kurċifiss fil-knisja ta' Ġieżu*



*Il-Via Sagra attribwita lil Francesco Zahra*

*Via Crucis* twaqqfet għall-ewwel darba f'din il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù għalhekk kien jixraq li f'din il-knisja hawn waħda mill-isbaħ *Via Sagri* ta' pajjiżna. Għalkemm dwar il-pittura ma stajtx niltaqa' ma' dokumentazzjoni ta' liema artist li ħadimha, nazzarda ngħid li hija xogħol ta' Francesco Zahra. Ix-xogħol sabiħ tal-gwarniċi sar aktar, fis-snin tletin u erbgħin tas-seklu għoxrin. Dawn il-gwarniċi xogħol mill-isbaħ ta' skultura stil Roccoco huma xogħol tal-aħwa Pawlu u Salvu Tonna magħrufin bħala tan-Nażett li kellhom il-bottega tagħhom fi Triq l-Imħażen fl-Imdina, ħadmu wkoll fihom, Frankie Ċiappara, Agostino u Anthony Muscat u l-aħħar tnejn ħadem fihom ukoll Ġużeppi Muscat, kollha kemm huma kienu membri attivi fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Ta' interess huwa l-ħġieġ tagħhom li huwa ħġieġ Venezjan li ftit ferm għadek tara bħalu.

Fil-kunvent tal-patrijiet insibu għadd ġmielu ta' kwadri li jżejnu l-kuriduri tal-kunvent, ħafna minnhom fl-antik kienu jżejnu s-sagristija tal-knisja, it-taraġ u l-kjostru. Fost dawn hemm żewġ kwadri li jfakkru l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Wieħed juri lil Ġesù jiġi nkurunat bil-kuruna tax-xewk u l-ieħor Kristu milquh mill-Veronika fi triqtu lejn il-Golgota biex jiġi msallab. Dawn aktarx li huma skola Naplitana skont l-eks Kuratur tal-Mużew tal-Arti Dr John Cauchi.



*Kristu qiegħed jiġi msawwat u nkurunat bil-kuruna tax-xewk*



*Kristu milqugħ mill-Veronika żewġ kwadri xogħol Naplitan*




***Wieħed mill-eqdem kurċifissi f'Malta skolpit fl-injam stil Gotiku mixtri minn Noto ġewwa Sqallija ta' qabel l-1517 li jinsab fil-kappella tal-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Minuri fir-Rabat***

Fil-kappella privata ta' dan il-kunvent fis-sular ta' fuq insibu kurċifiss tal-injam polikromu stil Gotiku. Huwa wieħed mill-eqdem kurċifissi fil-gżejjer Maltin. Fil-manuskritt ta' Ġian Franġisk Abela *Descrizione di Malta 1647* isemmi kif dan il-kurċifiss inxtara minn Noto ġewwa Sqallija fl-1517 mill-flus li kien baqa' mogħtija minn Giacomo Ħakim għall-bini tal-kunvent u l-knisja tal-patrijiet Franġiskani Osservanti.[93] Dan juri kemm il-kult tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù kien dejjem parti mir-regola funzjonarja ta' dawn il-patrijiet, f'dan iż-żmien bikri tal-istorja ta' pajjiżna. Meta ġejt biex nirrestawra dan il-kurċifiss sibt li l-korp kollu magħmul minn zokk wieħed, iżda l-qurrija ta' rasu miżjuda minn biċċa zokk separata, l-idejn ukoll kienu skolpiti minn injam separat. Is-sorpriża li sibt kienet li l-faxxa tal-qadd magħmula minn xkora mogħtija l-ġibs. Dan seta' ġara għax iz-zokk ma kienx wiesgħa biżżejjed biex l-iskultur joħroġ l-iskultura tal-faxxa ta' qaddu.

**Referenzi**

81 Joseph Bezzina.p.89-92. 82.Aquilina. p281.
83 *Ibid.*
84 *Ibid.*
85 Emmanuel Fiorentino. *Venerable Images of the Madonna and Child in Malta,* p. 11.
86 Borg. p. 649.
87 Aquilina. p. 294
88 Din il-kitba ġiet tradotta għall-Malti mid-dokument *Archivio Storico di Propoganda Fide* minn Rev P. Ivo Tonna.
89 Aquilina. p.287.
90 *Ibid.* p. 288.
91 Borg. p. 607.
92 Aquilina. p. 296-297.
93 G.F. Abela. *Della Descrittione di Malta* 1647.

RABAT PLANT
HARDWARE
(TAD-DJAMANT)

Building Materials • Hardware Importers
Electrical & Water Fittings
General & Builders Merchants
Hand & Power Tools

Over 5000 Plus Paint Colours
Mixing Centre

VJAL IL-ĦADDIEM,
RABAT RBT 1767, MALTA
TELEPHONE: 21454482